MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Numru 1892/1999/1

**Maltacom plc**
**vs**
**Michelle Muscat**

Il-Qorti,

Rat li b' att tac-citazzjoni prezentata fil-23 ta' Awissu 1999 il-korporazzjoni l-attrici, wara li ppremettiet:

Illi skond ir-regolamenti vigenti u l-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, il-konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' elf tlett mija tmienja u tmenin lira Maltin u erba' centezmi (LM 1,388.04) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numru 694448 (klijent numru 660011)

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-servizz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra indikati fil-prospett dettaljat anness u mmarkat bhala Dok. B;

Illi s-socjeta attrici sejhet diversi drabi lill-konvenuta sabiex thallasha l-ammont imsemmi izda din baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u l-konvenuta m’ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u s-socjeta attrici qeghda tannetti ma’ dan l-att affidavit (dok. C) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija;

Tghid ghalhekk l-konvenuta ghaliex il-Qorti m’ghandiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta attrici bid-dispensa tas-smiegh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ elf tlett mija tmienja u tmenin lira Maltin u erba’ centezmi (Lm 1388.04) dovuti in konnessjoni mas-servizz u l-uzu tat-telephone numru 694448 (klijent numru 660011), skond il-prospett Dok. B anness, ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez inkuzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Jannar 1999, tal-Mandat ta’ sekwestru u l-Mandat ta’ Qbid ipprezentati kontestwalment ma din ic-citazzjoni; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali – kollha kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ma pprezentatx nota tal-eccezzjonijiet, u ghalhekk baqghet kontumaci;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fil-21 ta’ Ottubru 2003 fejn ir-rikors ghall-gusitifikazzjoni tal-kontumacja da parti tal-konvenuta, gie michud;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta inkontestat li fl-4 ta' Lulju 1996 il-konvenuta kienet dahlet fi ftehim mal-Korporazzjoni Maltacom sabiex dina tinstalla fil-fond indikat fl-istess ftehim serivzz tat-telefon bin-numru 694448, liema telefon gie installat fuq isem Michelle Muscat il-konvenuta.

Illi mix-xhieda tal-Korporazzjoni attrici jirrizulta li l-konvenuta hija debitrici fil-konfront taghha fis-somma ta' Lm1,382.05 rapprezentati kera ghas-servizz u telephone calls kif indikat fil-prospett Dok.B u kif spjegat u kkonfermat ulterjorment mix-xhud Dottor Ingrid Zammit Young.

Illi ghaldaqstant it-talba attrici diretta ghall-hlas ta' dan l-ammont hija sostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-tieni talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf tlett mija tnejn u tmenin lira maltin u hames centezmi, [Lm1,382.05], bl-imghax legati u bl-ispejjez kif mitluba.

***Imhallef***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------